

Is-Sitta u Għoxrin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Għam 6, 1a. 4-7
Salm 145 (146), 7.8-9a.9bċ-10
1 Tim 6, 11-16
Lq 16, 19-31

**"Ibni, ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lazzru, il-ħażin** irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li inti qiegħed tbati."

Qatt iltqajt ma' xi ħadd li tammira għal dak li jagħmel? Mhux bilfors ikun xi ħadd famuż! Jista' jkun jgħix fl-istess triq tiegħek, jew xi ħadd tal-familja. Huma min huma jew jagħmlu x'jagħmlu, jekk jinqala' xi bżonn dejjem issibhom minn ta' quddiem biex jagħtu daqqa t'id.

Albert Schweitzer kien dan it-tip ta' persuna. Propjament kien bniedem li kellu ħafna talenti. Iżda l-ħaġa li għamlitu tassew speċjali hi kif uża l-kapaċitajiet tiegħu biex jgħin lill-oħrajn. Mhux ta' b'xejn rebaħ il-premju Nobel għall-Paċi. Kien filosofu, teologu, storiku, ikanta u anki tabib li ħadem fil-missjoni. Kien ukoll Kattoliku b'fidi qawwija f'Ġesù u pprova jixbhu fl-imħabba kbira tiegħu.

Ta' 38 sena laħaq tabib u ta' 43 sena mar l-Afrika fejn fetaħ sptar u baqa' hemm sakemm miet ta' 90 sena. Imma x' wassal biex Albert għażel din il-ħajja? Albert jgħid li l-Evanġelju li għadna kif qrajna ħalla impressjoni kbira wisq fuqu. Insista li ma setax jifhem kif hu jista' jgħix ħajja komda u kuntenta filwaqt li hemm tant nies madwaru li kienu qed jgħixu f'faqar kbir. Ma setax jifhem kif fid-dinja ħafna għadhom ibatu b'mard li faċli jiġi kkurat, maħqurin b'inġustizzji kbar u saħansitra m'għandhomx l-aktar affarijiet bażiċi bħall-ikel jew dar.

Dan iwassalna għal dak li jrid jgħidilna Ġesù llum. X'għamel ħażin ir-raġel sinjur? Imkien ma naqraw li ttratta ħażin lill-fqajjar Lazzru. Allura għaliex spiċċa ħażin? Id-dnub tar-raġel sinjur ma kienx tant għax għamel xi ħaġa ħażina daqskemm għax ma għamilx it-tajjeb! Snin twal kienu għaddew bis-sinjur jiekol u jgħix f'lussu kbir u Lazzru f'faqar liema bħalu. Qatt ma ħa xi ħaġa mill-ħafna li kellu biex jgħin lil Lazzru. Qatt ma kellmu jew staqsieh jekk jistax jgħinu. Probabbilment anqas qatt ma ta kas li Lazzru ma kellu xejn! Dak l-iżball tiegħu, li ma kienx jimpurtah x'jiġri minn Lazzru.

U dan l-iżball kultant jista' jkun tagħna wkoll. Kultant faċli nintilfu fid-dinja żgħira tagħna u ninsew li madwarna jista' jkun hemm persuni li nistgħu ngħinuhom. Kif jgħidilna l-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, "il-ġid li għandna jġib miegħu wkoll responsabbiltà u dmir li ngħinu lil ta' madwarna". Għalhekk ejjew dan il-kliem nagħmluh tagħna u nippruvaw noqogħdu attenti li meta niltaqgħu ma' xi ħadd fil-bżonn inkunu lesti biex inkunu hemm għalih.

**Sib il-Kelma**

Kull numru jirrapreżenta ittra mill-alfabett:

| i | f | l | għ | r | u | a | q | z | ġ | n | d | m | s | ie | b | j | t |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 14 | 10 | 2 | 9 | 18 | 6 | 8 | 11 | 21 | 4 | 3 | 28 | 5 | 7 | 16 | 17 | 19 |

1. 2-6-4-12 ______________________________

2. 14 – 8 – 12 - 9 ______________________________

3. 10 – 6 – 11 – 11 – 9 - 18 ______________________________

4. 6-4-21-10-12 ______________________________

5. 3-6-9 ______________________________

6. 28-12-5-5-7-9 ______________________________

7. 28-7-19 ______________________________

8. 19-16-6-19-12-17-6 ______________________________





## L-Arkanġli Mqaddsa: Mikiel, Gabrijel u Rafel

Fost it-tifkiriet kollha li se niċċelebraw din il-ġimgħa hemm waħda li forsi ftit smajtu biha, l-Festa ta' tliet Arkanġli Qaddisa. Dawn huma San Mikiel, li ismu jfisser li ħadd mhu bħal Alla, San Gabrijel, li ismu jfisser il-qawwa ta' Alla u San Rafel, li ismu jfisser il-kura jew mediċina ta' Alla. Fil-Knisja għandna devozzjoni kbira lejn dawn l-anġli b'mod speċjali lejn San Mikiel, li barra li huwa l-arkanġlu li ssielet kontra x-Xitan, huwa wkoll il-protettur tagħna lkoll. B'dan il-ħsieb il-Papa Ljun XIII kiteb din it-talba lil San Mikiel.

San Mikiel Arkanġlu,
idħol għalina fit-taqbida;
kun int il-għajnuna tagħna
kontra l-ħażen u t-tnassis tad-demonju.
Irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa.
Int l-aqwa fost il-qtajja' tas-sema,
itfa' bil-qawwa t'Alla, fil-qiegħ tal-infern
lix-Xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra
li jiġġerrew fid-dinja
għat-telfien tal-erwieħ.
Ammen.








**Promozzjoni**

Issa tista'
**tirreklama**
fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAZEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**HANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION